A.L. 301 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Regoli ta' l-2003 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22 (1D)(b) ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, il-Ministru tas-Saħħa għamel dawn ir-regoli li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2003 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-2003 dwar il-Manifattura Illeċita ta' Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 279 ta' l-2003.

Jemenda r-regola 1 tar-regoli prinċipali.

2. Fis-subregola (2) tar-regola 1 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "jibdew iseħħu f'April, 2004" għandhom jidħlu l-kliem "jibdew iseħħu fil-5 ta' Jannar, 2004".